26 Marzu 2004

STQARRIJA GHALL-ISTAMPA U X-XANDIR

**L-Agent Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern Tonio Borg f'laqgha politika f'Ghawdex**

Gvern Nazzjonalista wera bil-fatti l-impenn tieghu favur il-partecipazzjoni tan-nisa fil-politika ghax ghall-ewwel darba fl-istorja Kostituzzjonali ta' pajjizna ghandna zewg Ministri nisa u mara ohra bhala Segretarju Parlamentari. Dan qalu nhar il-Hamis filghaxija l-Agent Prim Ministru u Vici Kap tal-Partit Nazzjonalista Tonio Borg waqt konferenza politika li saret fil-Kazin ta' Sannat, Ghawdex.

Barra minnhekk, kompla Tonio Borg, il-Gvern ghadu kif innomina mara bhala Imhallef fil-Qorti tal-Gustizzja Ewropew u se jkollu wkoll kandidati nisa ghall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew, mhux ghax semplicament huma nisa izda ghax huma kapaci fil-partit. Dan jikkuntrasta b'mod qawwi mal-Partit Laburista li lanqas biss ghandu kandidata mara ghall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Il-Vici Kap tal-PN fakkar kif il-Partit Laburista ghamel sena wara sena jikkritika l-Ewropa u wara li lanqas accetta r-rizultat tar-referendum, issa dawwar ir-rotta izda xorta jinsab f'diffikulta' ghax fazzjoni mill-partit qed theggeg lil poplu biex johrog jivvota ghall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li parti ohra qed titlob lil poplu ma jmurx jivvota.

Dan l-attegjament tal-bdil tar-rotta mill-Partit Laburista ma deherx biss fil-kwistjonita' l-Ewropa izda wkoll dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u partit politici fl-istess Kunsilli Lokali, kif ukoll dwar il-VAT li wara snin ta' oppozizzjoni ghal din it-taxxa, fl-ahhar qalu li se jhalluha fis-sehh jekk ikunu fil-Gvern.

Il-Vici Kap tal-PN Tonio Borg fakkar li issa li wasalna f'kampanja elettorali, il-Partit Nazzjonalista ghandu d-dritt li jfakkar min fl-ahhar snin xejjer il-bandiera Ewropeja u min haraqha. Il-PN ilu ghal dawn l-ahhar 25 sena jemmen li post Malta hu fl-Ewropa u minkejja kull kritika, hadem u rebah ir-referendum favur is-shubija fl-Ewropa.

Meta tkellem dwar il-Kabinett il-gdid mahtur iktar kmieni din il-gimgha mill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi Tonio Borg qal li dan juri kontinwita' ma' dawk li ghandhom esperjenza u impenn ghal tigdid fil-Gvern.  Huwa wieghed li ser jaghmel hiltu kollha biex dak li jwieghed iwettqu.

F'din l-ewwel attivita' pubblika tieghu bhala Agent Prim Ministru, Tonio Borg qal li jehtieg li jitwassal il-messagg li Ghawdex hu importanti ghall-pajjiz kif ukoll ghal partit u jehtieg li l-kuntatt bejn il-partit u l-Gvern ikompli biex id-dimensjoni Ghawdxija ma tintilef qatt.

Hu spjega wkoll kif fil-Kabinett il-gdid inghata importanza lill-investiment barrani tant li John Dalli inhatar mhux biss Ministru ta' l-Affarijiet Barranin izda wkoll Ministru ghall-Promozzjoni ta' l-Investiment biex ikompli jingieb aktar investiment barrani f'pajjizna. Hu fisser ukoll li fil-ghan li jkun hemm aktar koordinazzjoni fil-hidma tad-diversi Ministeri, twaqqfu erba' Kumitati tal-Kabinett fl-oqsma ta' l-Ambjent, Kompettitivita', Impenn Socjali u Progetti.

Anke meta pajjizna jibda jibbenefika mill-fondi ta' l-UE, jehtieg li nfakkar lill-poplu Malti u Ghawdxi li kieku kien ghall-Partit Laburista dawn il-fondi qatt ma kienu jaslu f'pajjizna.

Meta irrefera ghall-Korp tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern Tonio Borg qal li wara li sema' diversi ilmenti dwar tbatija zejda li kellhom membri tal-Korp biex imorru ta' kuljum jaghmlu xoghol fid-Depot tal-Pulizija f'Malta, hu qal li ttiehdet decizjoni biex din it-tbatija zejda tonqos u fil-granet li gejjin ghandu jibda jinhass l-effett ta' din id-decizjoni. Wara intervent li sar mill-pubbliku hu qal ukoll li fil-granet li gejjin se johorgu applikazzjonijiet ghall-ingagg ta' membri fil-Korp tal-Pulizija u ghalhekk din tista' isservi ta' opportunita biex Ghawdex jiehu z-zieda tieghu fil-promozzjonijiet li huma mehtiega fil-Korp.